**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 163/2022

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Michael Oluwafemi Tewogobla**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Michael Oluwafemi Tewogobli detentur tal-karta tal-identita Maltija 23312 A quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u maghmula b'rizoluzzjoni wahda ghax-xhur minn Dicembru 2020 sa Gunju 2021, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Maria Kristina Pace u/jew lil uliedu, is-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha

u/jew ghall-uliedu fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' Marzu 2022 li biha wara li sabet lill-imputat Michael Oluwefami Tewogobla hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu kkundannatu ghal tlett (3) xhur prigunerija (3) effettivi;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Michael Oluwafemi Tewogobla pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-11 t'April 2022 li bih talab lil dina l-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena, billi minflok tinfliggi piena aktar gusta u ekwa ghall-kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata b'zewg gravami li essenzjalment huma wiehed dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti b'dan illi jressaq zewg ragunijiet ghaliex kellu jinghata piena aktar miti. Fl-ewwel lok, l-appellant jargumenta illi minkejja li ma rregistrax ammissjoni, huwa ma heliex il-hin tal-Qorti u ta spjegazzjoni dwar il-qaghda attwali tieghu li kellha tinduci lill-Qorti tgharaf ic-cirkostanzi problematici tieghu. B'mod sussidjarju jghid li l-piena kienet wahda esagerata. Ghal kull buon fini ssir referenza ghat-talba tal-appellant fir-rikors tal-

appell tieghu li biha ddomanda r-riforma tas-sentenza fil-parti tal-piena;

2. Illi, ezaminati l-atti processwali, jemergi mid-deposizzjoni tal-imputat illi huwa ma kkontestax il-mertu konsistenti fl-inadempjenza tieghu mal-ordni tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) sabiex ihallas manteniment ghal-trobbija ta' bintu. Dan in-nuqqas jidher li huwa wiehed kroniku u fil-kaz odjern jirreferi ghax-xhur bejn Dicembru, 2020 u Gunju 2021. Issa huwa spjega kif ghamel zmien il-habs, zmien rikoverat l-isptar u jinsab bla xoghol u bla residenza fejn joqghod minkejja li ilu residenti Malta ghall dawn l-ahhar 23 sena;

3. Illi l-appellant ccita diversi sentenzi tal-Qrati taghna li jitkellmu dwar il-ghan tal-piena kif ukoll fejn piena karcerarja kienet mibdula ghall-wahda alternattiva f'kazijiet, izda, li huma 'l hinn mill-mertu odjern. Is-sentenzi citati huma fonti ta' nsenjament dwar piena kominata ghal-reati ta' natura volontarja u f'kazijiet fejn il-hatja jiddemostraw agir refrattarju bil-possibilita, izda, ta' kambjament fil-kaz li jinghataw dik l-opportunita'. Fil-kaz odjern fejn l-element volontarju o meno huwa irrelevanti stante li hawn si tratta ta' kontravvenzjoni, din il-Qorti wisq drabi kkonsidrat illi l-ghan tal-legislatur bl-introduzzjoni tal-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali kien li jaghmel pressjoni fuq il-parti sabiex toqghod mal-ordni tal-qorti fl-ghoti tal-manteniment intiz ghall-ghixien tal-ulied jew tal-parti l-ohra. Issa, l-istampa emergenti mill-atti processwali hi li l-imputat ma ghamel xejn sabiex johrog mill-qaghda li jinsab fiha sabiex ihallas almenu parti minn dak il-manteniment dovut ghall-ghixien u trobbija tal-wild;

4. Illi kull kaz ghandu l-fatti specie tieghu u ghandu jkun gudikat fuq dawk il-fatti u xejn aktar. Hekk ghamlet l-ewwel Qorti meta ghazlet li tikkomina piena karcerarja fil-konfront tal-imputat, liema piena hija fil-parametri tal-ligi u ghalhekk ma tarax ghaliex din il-Qorti ghandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti in rigward;

5. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud.

(ft) Giovanni M. Grixti
Imhallef

Vera Kopja

Christopher Camilleri
Deputat Registratur